MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1074/2005

**Frank Tonna.**

**vs**

**Alfred u Rosette konjugi Debattista.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta’ Novembru 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ta’ tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) rappresentanti komplessivament din is-somma flejjes mhallsa b’numru ta’ pagamenti separati li saru akkont tal-prezz finali ta’ bejgh

u trasferiment ta’ propjeta` immobbli liema bejgh eventwalment baqa’ ma sarx u liema somma ta’ flus baqghet ma gietx rifuza lill-atturi mill-konvenuti.

Illi dan il-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m’ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x’jissollevaw ghat-talbiet attrici u b’hekk jezistu c-cirkustanzi kontemplati fl-**artikolu 167 -170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Illi l-konvenuti debitament interpellati baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta’ l-**artikolu 167- 170 tal-Kapitolu 12** ta’ Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-6 ta’ Dicembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Roberto Montalto u dehru l-konvenuti assistiti minn Dr. Zammit McKeon u gew notifikati bl-avviz tas-smiegh. Il-Qorti semghet il-partijiet u deherilha *prima facie* li hemm eccezzjonijiet validi x’iresqu l-konvenuti u ghalhekk awtorizzat lill-istess jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dan il-verbal. Il-kawza giet differtia ghad-9 ta’ Frar 2006

ghall-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet u prezentata ta’ l-affidavits ta’ l-attur.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 23 ta’ Dicembru 2005 a fol. 8 tal-process fejn gie eccepit illi:-

1. L-ammont dovut lill-atturi huwa tlett elef tliet mija sitta u tmenin lira u centezmu (Lm3,386.01).

2. L-eccipjenti jaccettaw li meta l-konvenju ma’ l-attur dwar il-bejgh tal-fond “Avon”, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, propjeta` taghhom, kien ghadu fis-sehh, huma rcevew f’erba’ hlasijiet fi zminijiet differenti total ta’ tmintax-il elf lira (Lm18,000) izda kemm waqt li l-konvenju kien ghadu fis-sehh, kif ukoll wara li skada sas-6 ta’ Dicembru 2005 meta l-attur ikkonsenja c-cavetta lill-eccipjenti,l-attur baqa’ jokkupa l-fond bla titolu u juzah in konnessjoni man-negozju tieghu ta’ magni u ingenji bil-konsegwenza li l-eccipjenti garbu danni fl-ammont ta’ tlettax-il elf seba’ mija tlieta u hamsin Lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm13,753.54) flimkien ma’ kontijiet tad-dawl u ilma fl-ammont ta’ tmien mija u sittin Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) b’kollox erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il Lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99).

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti, b’zewg dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok “AD1” u “AD2” kif jidhru minn fol. 8 sa fol.14 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuti** prezentata ma’ l-eccezzjonijiet fit-23 ta’ Dicembru 2005 fejn esponew illi:-

Peress illi bejn l-1 ta’ Lulju 2002 u s-6 ta’ Dicembru 2005, l-attur kien jokkupa bla titolu l-fond “Avon”, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, propjeta` tal-konvenuti, u juzah in konnessjoni man-negozju tieghu ta’ magni u ingenji;

Peress li bl-okkupazzjoni tal-fond *da parti* ta’ l-attur, il-konvenuti garrbu danni komplessivi fl-ammont ta’ erbatax-

il elf sitt mija u tlettax-il Lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99) in kwantu ghal tlettax-il elf seba' mija tlieta u hamsin Lira Matlija u erbgha u hamsin centezmu (Lm13,753.54) ghall-okkupazzjoni *stante* li l-fond *de quo* ghandu valur ghal tmien mija u sittin Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) bhala spejjez ta' kontijiet tad-dawl u ilma li l-attur baqa' ma hallasx ghaz-zmien kemm dam jokkupa l-istess fond;

Peress li l-attur mhux qed jaccetta li jhallas id-danni u spejjez kollha dovuti minnu lill-konvenuti;

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-attur okkupa minghajr titolu u ghamel uzu ghal skop ta' negozju l-fond "Avon", Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, propjeta` tal-konvenuti bejn l-1 ta' Lulju 2002 u s-6 ta' Dicembru 2005, bil-konsegwenza li l-konvenuti garbu danni .

2. Tillikwida d-danni tal-konvenuti fl-ammont ta' erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il Lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99) in kwantu ghal tlettax-il elf seba' mija tlieta u hamsin Lira Maltija erbgha u hamsin centezmu (Lm13,753.54) ghall-okkupazzjoni u in kwantu ghal tmien mija u sittin Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) bhala spejjez ta' kontijiet tad-dawl u ilma li l-attur baqa' ma hallasx ghaz-zmien kemm dam jokkupa l-istess fond dam jokkoupa l-fond.

3. Tikkundannah ihallas lill-konvenuti s-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il lira disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99) hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali b'effett millum kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tal-konvenuti rikonvenzjonanti liema dokumenti huma mmarkati bhala Dok "AD1" u "AD2" rispettivament.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Frank Tonna datata 11 ta’ Jannar 2006 a fol. 16 tal-process fejn espona:

1. Illi *in linja* preliminari, il-kontro-talba hekk kif imressqa mill-konvenuti rikonvenzjonanti mhix ammissibbli *ai termini* ta’ l-**arikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* illi din hija fis-sustanza msejsa fuq titolu jew dritt ta’ azzjoni differenti minn dak li huwa mertu ta’ l-azzjoni avvanzata mill-attur eccipjenti u per tant l-istess konvenuti rikonvenzjonant qatt ma seta’ pprevalixxa ruhu mill-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi [ara **Philip Pisani vs Albert Agius Ferrante** – Prim’ Awla – 18 ta’ Novembru 1997, u **Paul Gambin vs Frank Gambin *pro te noe*** – Qorti ta’ l-Appell 27 ta’ Marzu 1996].

2. Illi l-attur eccipjenti jeccepixxi illi ma kien hemm ebda okkupazzjoni llegali da parti tieghu kif allegat mill-konvenuti *stante* illi l-konvenuti rikonvenzjonanti dejjem taw il-kunsens taghom ghal tali okkupazzjoni.

3. Illi l-attur eccipjenti jecepixxi illi l-konvenuti rikonvenzjonanti ma sofrew ebda danni kif minnhom allegat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lisita tax-xhieda ta’ Frank Tonna a fol. 17 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tad-9 ta’ Frar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Roberto Montalto ghall-atturi prezenti. Prezenti l-konvenuti. Dr. Montalto prezenta nota bl-affidavit ta’ l-attur stess b’kopja lill-kontro-parti. Dr. Zammit McKeon ghall-konvenuti ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Dr. Roberto Montalto nsista fuq l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti u fi zmien ghoxrin (20) jum ried jipprezenta kopja ta’ gurispurdenza hemm indikata. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ April 2006 ghat-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni.

Rat in-nota ta’ l-attur rikonvenzjonant Frank Tonna datata 3 ta’ Marzu 2006 a fol. 26 tal-process li biha pprezenta kopja tas-sentenzi minnu citati fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ April 2006 u tal-20 ta’ Gunju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuti, prezenti l-konvenuti. L-attur u Dr. Roberto Montalto ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ordnat lill-atturi ghall-ahhar darba biex jinnotifika l-affidavit u n-nota minnu prezentata lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollu hamsin (50) jum biex jipprezenta nota responsiva u affidavit jekk ikun il-kaz. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti ghas-17 ta’ Ottubru 2006. Aktar tard deher Dr. Roberto Montalto li ha konjizzjoni tal-verbal; tas-17 ta’ Ottubru 2006; u tal-15 ta’ Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuti u Dr. Roberto Montalto ghall-attur. L-affidavit tal-konvenuti gie prezentat u notifikat lid-difensuri tal-kontro-parti *seduta stante*. Il-Qorti ordnat lid-difensuri tal-partijiet biex fi zmien ghaxart ijiem minn dan il-verbal jipprezentaw il-prorogi u l-konvenji kollha relattivi permezz ta’ nota. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-11 ta’ Jannar 2007.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 30 ta’ Novembru 2006 a fol. 59 tal-process li permezz taghha:- <u>fl-ewwel lok</u> irrilevaw li tnejn kienu l-konvenji rilevanti; dak originali bejn l-esponenti (bhala vendituri) u Joseph Debattista (bhala kompratur), u dak bejn Joseph Debattista u l-attur fejn dan l-ahhar accetta l-obbligi li Joseph Debattista kellu fil-konfront ta’ l-esponenti. <u>Fit-tieni lok</u> irrilevaw li m’ghandhomx fil-pussess taghhom il-konvenju li sar ma’ Joseph Debattista. Meta talbu (wara l-ahhar udjenza ta’ din il-kawza) kopja tieghu lin-Nutar Dottor Francis Micallef li kien irrediega l-istess konvenju, dan avzahom li ma kienx zamm l-original. <u>Fit-tielet lok</u> irrelevaw li ottjenew kopja tal-konvenju li sar bejn l-attur u Joseph Debattista minghand in-Nutar Dottor Antoine Agius li tieghu esebixxa kopja li giet immarkata bhala Dok “ZM1”.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 6 ta’ Dicembru 2006 a fol. 62 li permezz taghha esebew l-affidavits taghhom u li gew immarkati Dok “ZM2” u Dok “ZM3” rispettivament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Jannar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-konvenuti prezenti. Dr. Roberto Montalto u l-attur issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenut bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur fuq il-kontro-talba tal-konvenut ghas-26 ta’ April 2007; u l-ordni ta’ din il-Qorti fejn il-kawza thalliet ghall-istess skop ghat-3 ta’ Mejju 2007.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti dwar l-ewwel eccezzjoni ta’ l-atturi ghall-kontro-talba taghhom ipprezentata fl-14 ta’ Marzu 2007 a fol. 69 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din is-sentenza hija limitata ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn l-istess attur isostni li l-kontro-talba tal-konvenuti mhiex ammissibbli *ai termini* ta’ l-**artikolu 396 tal-Kap.12.**

Illi l-**artikolu 396 tal-Kap.12** jiddisponi li kontro-talba hija permessa (a) meta tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta’ l-attur; jew (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew li b’kull mod

iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.

Illi din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"Mario Cassar et vs Cole Foods Limited"** (P.A. (RCP) – 7 ta' Dicembru 1999 - Cit. Nru: 634/98/RCP) irreferiet ghall-kawza fl-ismijiet **"Paul u Agnes konjugi Bezzina vs Eagle Beams Limited et"** (Citaz. Numru 881/97/RCP) deciza fl-4 ta' Dicembru 1998, u ghall-kawza **"Dr. Vincent Falzon nomine vs Raymond u Salvina Mifsud"** (Citaz. Nru. 2302/97/RCP) deciza fl-1 ta' Gunju 1999 fejn gie rilevat illi tali kontro-talba hija permessa meta hemm:-

(i) *La communanza di origine delle causi e vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolu, ovvero;*

*(ii) La eliminazione reciproca delle due domande che esiste non solo in caso di pretesa compensazione, ma anche quando le domande dell' attore verebbe a esser <u>in qualche altro modo</u> perente, ovvero benche il vincolo permanga, pure non posse produrre ulteriori effetti.* **("Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin nomine"** – K (A.M) 24 ta' Frar 1930).

Illi fis-sentenza **"Gasan Insurance Agency Ltd noe vs Simon Soler et"** (A. I.C (PS) – 22 ta' Novembru 2002 - 863/99/PS) intqal li:-

*"Effettivament l-estremi rikjesti ghar-rikonvenzjoni skond l-imsemmi artikolu jikkonsistu fl-ispjega elokwenti li nsibu fid-decizjoni klassika fuq din il-materja, riportata a Vol XXVII p1 p895:*

*(i) 'nella comumanza di origine delle <u>due cause'</u>, ovvero;*

*(ii) nella eliminazione reciproca delle <u>due domande</u>.*

Illi fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Anna Fenech et"** (P.A. (JRM) 3 ta' Lulju 2003 - Cit. Nru: 1672/2001/JRM) gie ritenut li:-

*"Hawnhekk, il-Qorti thossha fid-dmir li taghmilha cara li l-fatt li l-ghan ta' parti mharrka jkun li ggib fix-xejn azzjoni mressqa konriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizzjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'nota tal-eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hija wahda minn dawk il-proceduri li l-Kodici ssejjah 'specjali'".*

Illi l-isess Qorti kompliet tghid:-

*"Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni mehtiega mal-azzjoni attrici biex tista' triegi l-kontro-talba, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Ghalhekk, b' 'konnessjoni' wiehed certament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha (Ara per ezempju, App. iv. 5/10/2001 fi-kawza fl-ismijiet **Sammy Meilaq noe vs Oral Attinel pro et**). Izda l-elementi li trid il-ligi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss".*

Illi mbaghad fis-sentenza **"AirMalta plc vs Lawrence Borg noe"** (P.A. (JRM) – 30 ta' Gunju 2004 -Cit. Nru: 791/03/JRM) intqal li:-

*"Hawn wiehed ma jistax jirreferix ghall-kliem 'istess kuntratt' jew 'fatt' li wiehed isib fl-imsemmi artikolu 396. Huwa stabilit li b' 'fatt' wiehed jifhem dik il-gabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta guridika (Ara* Digesto Italiano *(Vol IX) Voce 'Fatto' pa 548-9 u App.*

*Kumm 6/02/1985 fil-kawza fl-ismijiet* ***Maria Grazia Fava vs Salvino Farrugia*** *(mhix pubblikata))".*

Illi f'decizjonijiet ohra pero' jidher li l-interpretazzjoni li nghatat kienet pjuttost aktar wiesgha, tant li nghad li kemm-il darba jirrizultaw dawn il-kundizzjonijiet, tali kontro-talba hija wkoll ammessa, anke meta (a) ikun hemm azzjoni kambjarja **"Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et"** P.A. (RCP) 4 ta' Dicembru 1998; **"Dr. David Tonna nomine vs Boris Arcidiacono nominee**"– A.K. 28 ta' Novembru 1988; **"Edgar Camilleri noe vs David Cilia"** - K.A.M. 18 ta' Marzu 1994; **"Dr. Toni Abela vs Carmelo Calabretta"** (K. 6 ta' Frar 1991); (b) meta ghalkemm hemm zewg konvenuti giet ippresentata minn konvenut wiehed, (**"Nicholas Ellul vs Mary Cutajar et"** – P.A. (FGC) 15 ta' Mejju 1998; **"Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et**") imbasta tali konvenuti li pproponew il-kontro-talba jagixxu fl-istess kwalita` li fiha gie mharrek (**"Francesco Chetcuti vs Mary Friggieri"** - A.D. 24 ta' Mejju 1991).

Illi sabiex jigu applikati tali principji necessarjament wiehed irid ihares lejn ic-citazzjoni attrici u n-natura tal-kontro-talba. Fil-fatt l-attur permezz tac-citazzjoni odjerna qed isostni li huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) rapprezentanti flus imhallsa b'numru ta' pagamenti separati li saru akkont tal-prezz finali ta' bejgh u trasferiment ta' proprjeta' mmobbli tal-konvenuti liema bejgh baqa' ma sarx u s-somma ta' flus baqghet ma gietx rifuza.

Illi l-konvenuti eccepew li l-attur huwa biss dovut l-ammont ta' tlett elef tlett mija u sitta u tmenin lira Maltin u centezmu (Lm3,386.01). Huma sostnew li meta l-konvenju in kwistjoni kien ghadu fis-sehh huma rcevew f'erba' hlasijiet fi zminijiet differenti s-somma ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) izda kemm waqt li l-konvenju kien ghadu fis-sehh kif ukoll wara li skada sas-6 ta' Dicembru 2005 meta l-attur ikkonsenjalhom ic-cavetta, l-attur baqa' jokkupa l-fond bla titolu u juzah in konnessjoni man-negozju tieghu ta' magni u ingenji bil-konsegwenza li garrbu danni fl-ammont ta' tlettax-il elf seba' mija u tlieta u

hamsin lira Maltin u erba’ u hamsin centezmu (Lm13,753.54) flimkien ma’ kontijiet tad-dawl u ilma fl-ammont ta’ tmien mija u sittin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) b’kollox erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99).

Illi l-konvenuti pprezentaw kontro-talba fejn ippremettew li bejn l-1 ta’ Lulju 2002 u s-6 ta’ Dicembru 2005 l-attur okkupa bla titolu l-proprjeta’ in kwistjoni u wzah in konnessjoni man-negozju tieghu ta’ magni u ngenji. Minhabba din l-okkupazzjoni tal-fond il-konvenuti soffrew danni komplessivi fl-ammont ta’ erbatax-il elf sitt mija u tlettax-il lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm14,613.99) in kwantu ghal tlettax-il elf seba’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erba’ u hamsin centezmu (Lm13,753.54) ghall-okkupazzjoni *stante* li l-fond ghandu valur lokatizju ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000) fis-sena u in kwantu ghal tmien mija u sittin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm860.45) bhala spejjez ta’ kontijiet tad-dawl u ilma sakemm l-attur dam jokkupa l-fond. B’hekk huma qed jitolbu dikjarazzjoni li l-attur okkupa minghajr titolu u ghamel uzu ghal skop ta’ negozju l-fond in kwistjoni u tillikwida d-danni minnhom pretizi.

Illi minn dan kollu kif ukoll mill-affidavits ipprezentati mill-partijiet jirrizulta li z-zewg kawzi huma naxxenti minn relazzjoni guridika differenti, wahda minn relazzjoni wara li konvenju skada, u l-ohra minn okkupazzjoni allegatament bla titolu u talba ghal hlas ta’ danni kawza ta’ l-istess okkupazzjoni.

Illi fil-fatt jirrizulta, li waqt il-konvenju l-attur kellu f’idejh il-fond in kwistjoni u kien qieghed juzah ghan-negozju tieghu. F’dan iz-zmien l-attur ghadda s-somma ta’ Lm18,000 lill-konvenuti li min-naha taghhom jammettu li rcevewha izda jghidu li din is-somma mhiex dovuta kollha lura lill-attur minhabba li huwa kien qed izomm il-fond bla titolu u minhabba kontijiet pendenti, pretensjoni li tehtieg aktar approfondiment aktar ‘il quddiem fil-kawza jekk ikun il-kaz.

Illi b'konsegwenza ta' din l-okkupazzjoni fit-tieni talba tal-kontro-talba taghhom il-konvenuti qeghdin jitolbu danni ghall-okkupazzjoni tal-fond kif ukoll flus dovuti mill-attur bhala spejjez ta' kontijiet tad-dawl u ilma u b'dan li jekk tali talbiet jirrizultaw fondati allura jista' jkun hemm tpacija bejn l-ammont pretiz mill-attur u ghalhekk huwa car li f'dawn ic-cirkostanzi l-effett tal-kontro-talba ghandu l-iskop li *"jinnewtralizza u jgib fix-xejn l-azzjoni tal-atturi billi tigi operata kompensazzjoni jew tpacija bejn dak li eventwalment jigi likwidat"* u b'hekk l-istess kontro-talba taqa' taht il-parametri tas-**sub-artikolu (b) tal-Artikolu 398 tal-Kap.12.**

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l- ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti** peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fis-sens hawn deciz.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------